VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,194, 14 ta' Jannar, 2014
Taqsima B

A.L. 4 tal-2014

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 11(4) u 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru għas-Saħħa wara konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2014 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Perikli ta' Inċidenti Kbar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 424.19

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa l-implimentazzjoni tal-Artikolu 30 tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/82/UE fuq il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fil-15 ta' Frar, 2014.

Jemenda l-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara l-partita (ċ) tal-intestatura '*Petroleum products*' fit-Taqsima 2 tal-Iskeda I li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiżdied il-partita ġdida li ġejja:

"(d) *heavy fuel oils*".